# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tnax (12) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 159/14 FDP**

**Frederick Azzopardi (ID 152076M), Stefan Riolo (ID 15570M) u Robert Schembri (222960M)**

**vs**

**David Lindsay**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 5 ta' Mejju 2014 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-artikolu intitolat '*Government silent on WSC CEO's Singapore Grand Prix visit*' li deher fil-gazzetta **The Malta Independent on Sunday** fil-harga taghha ta' l-4 ta' Mejju 2014, talbu lill-Qorti tiddikjara illi l-allegazzjonijiet illi saru fl-artikolu kienu malafamanti libelluzi u jirrappresentaw fatti invertijeri u ghalhekk intizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni ta' l-istess atturi.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna bit-titolu hawn fuq imsemmi b'sub titolu tahtu li jghid "*Were tickets paid for with taxpayers' money?*", ippresentat mir-rikorrenti mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fl-20 ta' Mejju 2014 fejn l-intimat sahaq illi l-kontenut ta' l-artikolu lamentat ma kienx libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti filwaqt illi sahaq ulterjorment illi l-artikolu jikkonsisti biss f'fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku dwar ufficjali pubblici u ghalhekk jikkonsistu f'fair comment u kritika accettabbli f'socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **l-Ingineer Frederick Azzopardi** moghtija fit 13 ta' Ottubru 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni dettaljata minnu esebita seduta stante.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **l-Ingineer Robert Schembri** moghtija fit 13 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **l-Ingineer Stefan Riolo** moghtija fit 13 ta' Ottubru 2014.

Rat illi fl-1 ta' Dicembru 2014 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' l-intimat **David Lindsey** mogthija fil 21 ta' Mejju 2015 in ezami u kontro ezami u rat id-dokumentazzjoni esebita seduta stante waqt ix-xhieda.

Semghet ix-xhieda ulterjuri in kontro ezami ta' David Lindsey moghtija fid 9 ta' Lulju 2015.

Rat illi fid-9 ta' Lulju 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fid 9 ta' Lulju 2015, wara liema data il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill provi kollha prodotti jirrizulta illi fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna gie allegat illi t-tlett rikorrenti, fil-kariga taghhom rispettivament ta' CEO tal-Water Services Coropration, Executive Director tal-Water Services Corporation u Executive Director ta' l-Enemalta, waqt illi kienu qed jattendu ghall-konferenza gewwa Singapore, ghadu hemm aktar mili suppost u attendew ghat-tellieqa tal-Formula Wiehed illi kienet qieghda isehh gewwa Singapore stess, u dana a spejjez tal-Gvern ta' Malta.

Jirrizulta, mil-provi prodotti, illi t-tlett rikorrenti kienu mistiedna jattendu ghas-Singapore International Water Week seminar illi kien qieghed jigi organizzat gewwa Singapore bejn it-18 u 19 ta' Settembru 2013.

Jirrizulta wkoll illi peress li fl-istess zmien, kien ser ikun hemm it-tellieqa tal-F1, il-mistienda kollha gew offruti prezzijiet skontati ghall-biljetti ta' l-istess tellieqa.

Jirrizulta illi ir-rikorrenti jghazlu illi, la darba kienu qieghdin Singapore, jqattghu ftit aktar jiem gewwa Singapore u jattendu ghall-Grand Prix illi kienet qed tinzamm fl-istess periodu.

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti, illi r-rikroренti inghataw il-hlas '*per diem*' ghall-granet tal-konferenza illi ghaliha huma kienu marru, liema allowance jinhata regolarment meta funzjonarju tal-Gvern isiefer barra minn Malta filwaqt illi l-Water Services Coropration hallset ghall vjagg tar-rikorrenti.

Jirrizulta ukoll illi r-rikorrenti hallsu ghal-akkomodazzjoni fil-periodu illi huma kienu qed jattendu ghall Grand Prix kif ukoll hallsu ghall-biljetti tat-tellieqa.

Jirrizulta illi dana kollu sehh bejn is 16 u l-24 ta' Settembru 2013.

Jirrizulta illi fl-24 ta' April 2014, gurnalist tal-gazzetta **Times of Malta** baghat sensiela ta' domandi in rigward tal-fuq imsemmija attivita fejn, fost affarjiet, huwa talab informazzjoni dwar minn hallas ghall attendenza tal-Grand Prix u l-akkomodazzjoni waqt li kienu ghall Grand Prix kif ukoll dettalji dwar il-Konferenza, Dawna d-domandi kienu indirizzati lir-rikorrent Frederick Azzopardi illi l-ghada irrisponda fejn gharraf lill-gurnalist l-informazzjoni gia hawn fuq deskritta. Storja fuq tali domandi ma giet riprodotta mill-gazzetta Times of Malta.

Jirrizulta illi fid 29 ta' April 2014 il-gurnalista Rachel Attard tal-gazzetta The Malta Independent baghtet sensiela ta' domandi simili ghal dawk gia mibghuta mill-gurnalist tat-Times of Malta ftit jiem qabel. Madanakollu, dina l-email intbghatet lill Lindsey Gambin, Communications Communicator fi hdan il-Ministeru ta' l-Energija u Sahha.

Jirrizulta illi s-Sibt 3 ta' Mejju 2014, fit-15.08, intbghatet risposta minn Lindsey Gambin lill-gurnalista Rachel Attard fejn ghadditilha l-istess informazzjoni fuq imsemmija, inkluz, fost affarjiet ohra, illi r-rikorrenti kienu hallsu ghall-akkomodazzjoni taghhom waqt l-attivita tal-Grand Prix kif ukoll ghall-Grand Prix inniffsu.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-intimat editur tal-gazzetta The Malta Independent on Sunday, David Lindsey, illi fil-gurnata qabel ma tigi pubblikata il-gazzetta, Rachel Attard, illi hija l-Head of News, ma' tidholx ghax-xoghol. Apparti minn hekk, jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-istess intimat, illi l-gurnalista li kien qieghed ikopri l-istorja meritu tal-kawza odjerna, Neil Camilleri, ma jidholx ghax-xoghol lanqas dakinhar.

Jirrizulta, ghalhekk, illi minkejja illi il-gazzetta The Malta Independent on Sunday kellha fil-pussess taghha risposti ghall-istorja illi huma sussegwentement ippubblikaw il-Hadd, 4 ta' Mejju 2014, huwa xorta ipprocedew billi jippubblikaw l-istorja fil-gazzetta bl-allegazzjonijiet taghhom ghax hadd ma kien induna illi d-domandi illi kienu qed jaghmlu fl-istess artikolu kienu gew risposti permezz ta' email mibghuta lilhom qabel il-pubblikazzjoni ta' l-istess artikolu.

Jirrizulta illi dakinar, wara illi giet ippubblikata l-istorja, Rachel Attard giet ikkuntattjata u mgharrfa illi l-istorja kienet zbaljata ghax kienu inghatawlhom ir-risposti u di fatti, fl-10 ta' filghodu ta' dakinhar stess, fuq il-website tal-gazzetta, ittellghu ir-risposti mibghuta lill-gazzetta.

Jirrizulta wkoll illi l-Hadd ta' wara, 11 ta' Mejju 2014, il-gazzetta the Malta Independent on Sunday ippubblikat storja zghira fejn qalet illi attwalment r-rikorrenti kienu rrispondew ghad-domandi tal-gazzetta u kien irrizulta li r-rikorrenti kienu hallsu ghal dak li l-gazzetta allegat li hallas l-Istat.

Jirrizulta, izda, illi l-gazzetta imkien ma' skuzat ruhha ta' l-inkonvenjent illi setghet holqot lir-rikorrenti u imkien ma qalet illi r-risposti kienu gia fil-pussess taghha qabel ma sehhet il-pubblikazzjoni tal-gazzetta.

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz odjern, il-Qorti ma ghandha ebda dubju tghid illi l-kawza odjerna hija rizultat ta' negligenza da' parte tal-gazzetta u, aktar w aktar, il-gurnalisti illi kienu qed jiehdu hsieb tali storja, liema nuqqas hija anke dovuta ghall-fatt illi dakinhar kienet qed tigi redatta l-gazzetta tali gurnalisti ma kienux presenti sabiex jivverifikaw l-affarjiet sew. Il-fatt illi l-gurnalisti ma kienu jafu illi dahlitilhom risposta ghad-domandi minnhom maghmulha u xorta ghaddew biex jippubblikaw l-istorja ma tistax ma tigix ikkunsidrata bhala negligenza, liema negligenza ghaddiet biex tefghet dell ikrah fil-konfront tat-tlett rikorrenti.

Il-fatt illi il-gazzetta pprocediet biex tirriproduci r-risposti fuq il-web site ftit sieghat wara illi giet ippubblikata l-istorja fil-gazzetta ipprintjata, kif ukoll il-fatt illi l-gimgha ta' wara, ghalkemm bi prominenza ferm anqas minn dik ta l-istorja, l-istess gazzetta ippubblikat l-istess riposti, ma jistghux jitqiesu bhala sufficjenti biex jilliberaw lilhom innfushom mir-responsabbiltajiet taghhom.

Bhalma gia kellha l-opportunita tirrileva dina l-Qorti f'diversi kawzi ohra, il-gurnalisti ghandhom funzjoni importanti hafna fis-socjeta ta' llum, fejn il-media printjata u, aktar u dik li tidher fuq l-internet, qieghda titqies mill-poplu in generali bhala sors importanti jekk mhux ewlenija ta' fatti u informazzjoni dwar affarjiet li jirrigwardaw is-socjeta Maltija u min jahdem fiha.

Huwa proprju ghalhekk illi zbalji bhal dak illi ghamlet il-gazzetta ma jaghmlu ebda gid lill-gurnalizmu in generali u jimminiaw il-fiducja illi n-nies ghandhom fil-gurnalisti in generali.

Il-fatt illi l-gurnal imkien ma' skuza ruhu ghall l-inkonvenjent illi seta kkrea lir-rikorrenti hija wkoll indikattiva sabiex issahhah l-argument imressaq mir-rikorrent, partikolarment ir-rikorrent Frederick Azzopardi, illi l-inetnzjoni ta' l-istorja kienet sabiex taghmillu hsara stante illi, apparti l-kariga ili huwa ghandu, kellu wkoll kariga fi hdan il-Partit Laburista.

Kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** fit-23 ta' Marzu, 2009,

> *"f'kawzi bhal prezenti, u cioe f'kawza ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt f'socjeta' demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta' kull cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."*

Il-Qorti tal-Appell, imbghad, fl-istess kawza deciza fit-3 ta' Frar, 2012 ziedet tghid li

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Fil-kaz odjern, ma jidhirx illi sar zball genwin, izda sar zball rizultat ta' negligenza da' parte tal-gazzetta w il-gurnalisti taghha, liema zball wasal illi r-rikorrenti jigu mpingija f'ghajn il-pubbliku illi marru jattendu ghall Grand Prix fuq dahar il-poplu meta, attwalment, dana ma kien minn xejn peress illi kien hallsu ghall-kollox huma.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi prodotti quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati,

**Tilqa** t-talba tar-rikorrenti kif dedotti u

**Tiddikjara** il-kontenut ta' l-artikolu intitolat 'Government silent on WSC CEO's Singapore Grand Prix visit' li deher fil-gazzetta The Malta Independent on Sunday fil-harga taghha ta' l-4 ta' Mejju 2014, bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna**, a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248, lill-intimat ihallas lir-rikorrenti flimkien is-somma komplessiva ta' tlett elef Euro (€3,000) in linea ta' danni sofferti minnhom rizultat tal-pubblikazzjoni ta' l-istorja fuq imsemmija.

Spejjez tal-proceuri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effetti ikunu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur